MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2013

Numru 48/12

**Il-Pulizija**

**versus**

**Robert Dimech**

**Illum 30 ta' Jannar 2013**

Il-Qorti,

Rat in-nota tal-Ufficcjal tal-Probation Matthew Fleri Soler tal-ewwel (1) ta' Novembru tal-elfejn u tnax (2012) li biha ghamel denunzja quddiem din il-Qorti ai termini tal-artiklu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn ippremetta

1. Illi bis-sentenza msemmija hawn fuq kien appuntat Ufficjal tal-Probation kif ukoll Ufficjal ghas-Servizz fil-Komunita` ta' Robert Dimech detentur tal-karta ta' l-identita` 401171 (M) u residenti gewwa 43, Triq San Guzepp, Qormi.

2. Illi robert Dimech naqas milli jipprovdi kampjun ta' l-urina hekk kif mitlub mill-Uffijcal tal-Probation waqt tliet okkazzjonijiet, fit-3 u fl-4 ta' Settembru, kif ukoll fis-17 t'Ottubru. Finalment huwa ssottometta ruhu ghal test ta' l-urina nhar il-Hamis 18 t'Ottubru, liema test irrizulta fil-pozittiv ghad-droga kokaina.
3. Illi peress li rrizulta li Dimech qieghed jaghmel uzu mid-droga, mhuwiex f'pozizzjoni li jaghmel xoghol fil-komunita` u dan minhabba element ta' riskju kemm ghalih innifsu kif ukoll ghal ta' madwaru li jista` jinholoq f'cirkostanzi bhal dawn.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-Probation Officer Matthew Fleri Soler xehed illi li d-denunzjat Robert Dimech kien qiegħed jghidlu illi ma kienx dipendent mid-droga. Però meta pprezenta kampjun tal-urina fit-tmintax (18) ta' Ottubru tal-elfejn u tnax (2012) irrizulta pozittiv. Spjega ukoll illi ghall-ewwel id-denunzjat kien izomm l-appuntamenti, però mbagħad dawna qatghu u tilef kull kuntatt mad-denunzjant.

Jidher illi d-denunzjat kellu diversi twissijiet kemm mill-pulizija kif ukoll mill-probation officer illi jekk ma joqghodx ghat-termini tal-ordni tal-probation, allura f'dan il-kaz il-Qorti ma jkollhiex triq oħra ħlief illi timponi piena karcerarja. Però jidher illi d-denunzjat ma tax kas dawn it-twissijiet u xorta baqa' ma jikkoperax mal-probation officer.

Taħt dawn iċ-ċirkostanzi peress illi d-denunzjat mhuwiex qed juri rieda tajba, mhuwiex il-kaz illi l-Qorti tahli aktar żmien u ghalhekk tirrevoka l-ordni tal-probation għal tlett (3) snin u mitt (100) siegha servizz tal-komunità kif imposta fuq id-denunzjat bis-sentenza tal-wiehed u għoxrin (21) ta' Ġunju tal-elfejn u tnax (2012), u tordna illi ghandha tidħol fis-seħħ is-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati kontra d-denunzjat bis-sentenza tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju tal-elfejn u tnax (2012), bil-

konsegwenza illi d-denunzjat Robert Dimech ghandu jaghmel perjodu ta' sentejn prigunerija kif ukoll ihallas multa ta' €233.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------